# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-30 TA' NOVEMBRU, 2023**

**Kawża Numru: 9**

**Rik.nru. 74/2014 RGM**

## Fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 48/2014 fl-ismijiet:

## Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar

## v.

## Winston sive Agostino Bonello

**Il-Qorti**

1. Rat li b'rikors ippreżentat fit-28 ta' Jannar 2014 ir-rikorrent Winston sive Agostino Bonello (ir-Rikorrent) talab lill-Qorti tiddikjara illi l-pretensjonijiet tal-intimata Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (l-Awtorita') kif imressqa minnha fl-ittra uffiċjali surriferita huma "kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt"u dan wara li ppremetta bl-ittra uffiċjali imsemmija l-Awtorita' talbet mingħandu l-ħlas tas-somma ta' tmienja u ħamsin elf, mija u sbatax-il

ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€58,117.28) rapprezentanti l-ispejjeż li l-Awtorita' tallega li inkorriet sabiex eżegwit azzjoni diretta marbuta ma' ordnijiet ta' enforzar numri 567/03 u 270/08 kontra r-rikorrent; illi r-rikorrent qed jopponi t-talba tal-Awtorita' għaliex sostna illi (i) "waqt l-eżekuzzjoni tal-avvizi ta' twettiq surreferiti l-Awtorita' intimata nehhiet diversi strutturi li ma kienux jifformaw parti mill-illegalitajiet elenkati fl-istess avvizi ta' twettiq"; (ii) fil-kors tad-direct actions tneħħa wkoll meter tal-ilma bi preġudizzju għar-rikorrent; (iii) sar dannu estensiv lil habitat naturali billi tneħħiet il-ħamrija kollha bir-riżultat li ġew maqlugħin diversi siġar kif ukoll veġetazzjoni; (iv) id-danni kaġunati lir-rikorrent fl-eżekuzzjoni tal-avviżi ta' twettiq jeċċedu s-somma mitluba mill-Awtorita'.

2. Rat ir-risposta tal-Awtorita' tat-18 ta' Frar, 2014 li permezz tagħha resqet is-segwenti eċċezzjonijiet: (i) preliminarjament ma teżisti l-ebda ittra uffiċjali fl-ismijiet "Winston sive Agostino Bonello vs. Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" kif ġie indikat fir-rikors promotur; (din l-eċċezzjoni preliminari ġiet sorvolata b'digriet mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta tat-12 ta' Marzu, 2014 fejn ordnat korrezzjoni fl-okkju u għalhekk din l-eċċezzjoni preliminari hija llum sorvolata); illi l-ammont reklamat mill-Awtorita' jirrifletti preċiżament l-ammont ta' ħlasijiet inkorsi mill-Awtorita' biex seta' jiġi esegwit id-*direct action* li dam għaddej għal kważi ġimagħtejn u li kien jinkludi it-tneħħija ta' rdim illegali fuq *scheduled property*; illi mhux minnu li fil-kors tal-azzjoni diretta da parti tal-Awtorita' tneħħew strutturi li ma kienux jiffurmaw parti mill-illegalitajiet elenkati fl-avviż ta' twettiq, apparti illi kieku seħħ dak allegat mir-rikorrent dan kien permess ai termini tal-Artikolu 90 (2) tal-Kap.504; illi dwar il-pretensjoni tar-rikorrent li waqt l-azzjoni diretta l-Awtorita' ikkaġunatlu ħsara din ma hiex fondata għar-raġunijiet illi (a) mhux minnu li l-Awtorita' ikkaġunat dannu lir-rikorrent; (b) illi azzjoni għad-danni trid titressaq b'azzjoni ad hoc li ma humiex il-proċeduri odjerni liema azzjoni, li sallum ma ttieħditx, hija fi kwalunkwe każ preskritta; (c) illi fi kwalunkwe każ ai termini tal-Artikolu 90 (5) tal-Kap. 504 fil-kors tal-eżerċizju tal-poteri tagħha l-Awtorita' ma hiex azzjonabbli għad-danni; (d) illi mhux minnu li tneħħa l-meter tal-ilma; (e) illi kien ir-rikorrent li rrovina n-natural habitat b'dak li wettaq; (f) illi l-ħlas mitlub jirreferi għal dawk ix-xogħolijiet attwalment imwettqa minnha.

3. Rat il-provi kollha li resqu l-partijiet.

4. Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat;

**Fatti.**

5. Fit-8 ta' Jannar,2014 l-Awtorita' intavolat ittra uffiċjali nru 48/2014[1] kontra r-rikorrent fejn interpellatu jħallas is-somma ta' €58,117.28 "rapprezentanti ħlas dovut lill-istess awtorita' għal direct actions, ossia l-eżekuzzjoni tal-avviżi ta' twettiq numri ECF567/03 u ECF270/08 f'siti magħrufa bħala "Tal-Lembi" u "Il-Ġdida" ġo Selmun fil-limiti tal-Mellieħa bejn it-13 ta' Jannar, 2009 u s-26 ta' Jannar 2009 liema ħlas hu dovut kif jirriżulta aħjar mill-invoice numru 7983..." Anness mal-ittra uffiċjali dikjarazzjoni ġuramentata tal-kap eżekuttiv tal-Awtorita' ta' dak iż-żmien.

6. Dik l-ittra uffiċjali ġiet intavolata bis-saħħa tal-**Artikolu 90 (5) u (6) tal-Att dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp tal-Ippjanar (Kap. 504 tal-Liġijiet ta' Malta)** li jipprovdu:

> (5) L-ispejjeż kollha li raġonevolment isiru mill-Awtorità biex tesegwixxi avviż ta' twettiq skont dan l-artikolu, ………… ikunu jistgħu jiġu rkuprati mill-Awtorità bħala dejn ċivili mill-persuna li f'dak iż-żmien tkun sid l-art, jew tokkupa l-art, jew li b'xi mod tkun responsabbli għall-għemil indikat f'xi avviż, inkluż avviż ta' ħlas,jew applikant, bla ħsara għal kull jedd ta' dik il-persuna li tirkuprahom mingħand xi persuna oħra. L-Awtorità ma tkunx azzjonabbli għad-danni li jistgħu jkunu ġew inkorsi meta hija tkun eżerċitat dawn il-poteri tagħha, sakemm ma jiġix ippruvat illi dawk id-danni jkunu ġew inkorsi minħabba negliġenza ovvja mill-Awtorità, mill-uffiċjali tagħha u mill-aġenti tagħha.
>
> (6) Meta l-Awtorità tkun trid tħarrek biex tirkupra dejn dovut lill-Awtorità taħt xi liġi jew regolamenti li hija jkollha jedd tenforza, iċ-Chairman, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jew kull uffiċjal ieħor tal-Awtorità awtorizzat kif imiss mill-Awtorità biex jaġixxi f'isimha jista' jagħmel dikjarazzjoni bil-ġurament quddiem ir-Reġistratur tal-Qrati jew quddiem uffiċjal awtorizzat li jamministra l-ġurament għal skopijiet ġudizzjarji, fejn huwa jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-dejn u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dan ikun dovut.
>
> (7) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (6) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett bħal sentenza finali tal-qorti kompetenti kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin ġurnata minn meta ssirlu n-notifika ta' dik id-

[1] Kopja a fol. 3

dikjarazzjoni, ma jopponix dik it-talba billi jippreżenta rikors fejn jitlob li l-qorti tiddikjara l-pretensjoni bħala waħda infondata.

7. Il-kawża odjerna ġiet intavolata mir-rikorrent bis-saħħa tas-sub inċiż 7 appena ċitat. Sabiex jirnexxi fit-talba tiegħu ir-rikorrent jeħtieġlu jipprova sodisfaċentement illi t-talba tal-Awtorita' fil-konfront tiegħu imressqa bl-ittra uffiċjali fuq imsemmija hija "infondata".

8. X'inhu dak li l-Awtoriota' talbet bl-att ġudizzjarju tat-8 ta' Jannar, 2014? Qed titlob il-ħlas tas-somma ta' €58,117.28 rappreżentanti l-ispejjeż li inkorriet sabiex ġew eżegwiti ix-xogħolijiet marbuta ma' rimozzjoni li kienet kostretta tagħmel ta' żvilupp illegali kommess mir-rikorrent. Ir-rikorrent kien ġie avżat mill-Awtorita' sabiex ineħħi żvilupp illegali kif indikat f'żewġ avviżi ta' twettiq bin-numri ECF567/03 u ECF270/08 iżda baqa' inadempjenti.

9. Għalhekk kull ma għandha tikkonsidra l-Qorti f'kawża ta' din ix-xorta huwa jekk it-talba tal-Awtorita' mressqa bl-att ġudizzjarju preżentat fil-konfront tar-rikorrent hiex fondata.

10. Jirriżulta mill-atti illi fil-21 ta' Ottubru, 2003 l-Awtorita' ħarġet Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq (ECF567/03)[2] kontra r-rikorrent fejn ġie intimat li kien ikkommetta "ksur tal-kontroll tal-ippjanar" fuq "Site at il-Lembi, Selmun u skond site plan annessa" konsistenti "minn tfiegħ ta' ħamrija u materjal inert fuq sit skedat grad 3 u dan kollu mingħajr permes". Intalab f'dak l-avviż sabiex "Treġġa kollox lura għall-istat oriġinali tiegħu fi żmien sittax-il ġurnata". Ir-rikorrent la appella minn dak l-avviż u lanqas ottempera ruħu nonostante li kien ġie lilu notifikat fid-29 ta' Jannar 2004.

11. Fit-22 ta' Mejju, 2008 l-Awtorita' ħarġet Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq ieħor (ECF270/08) kontra r-rikorrent fejn ġie intimat li kien ikkommetta "ksur tal-kontroll ta' l-ippjanar" fuq "Site at il-Gdida, Selmun l/o Mellieha (skond il-pjanta annessa" konsistenti minn "żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti minn kamra agrikola/struttura mhux skond il-pjanti approvati fil-permess PA 00689 maħruġ fis-17/04/06 u kif ukoll għandek xatba tal-metal." Ir-rikorrent ma appellax minn dan l-avviż u lanqas ottempera ruħu nonostante li kien ġie lilu notifikat fil-5 ta' Ġunju, 2008.

12. L-ammont ta' €58,117.28 huwa spjegat f'tax invoice li ħarġet l-Awtorita' fis-7 ta' Jannar 2014.[3]

[2] Kopja a fol. 35
[3] Kopja a fol. 59

13. L-ammonti riżultanti minn dan l-invoice huma: €2,218.96 rappreżentanti ħlas ta' overtime lill-uffiċjali tal-Awtorita', spejjeż għat-trasport relatat mal-ħidma ta' rimozzjoni bejn l-14 ta' Jannar 2009 u s-26 ta' Jannar, 2009 fis-sit Tal-Lembri, Selmun l/o Mellieħa; €443.79 administration fees kalkolati bir-rata ta' 20% fuq l-ammont fuq imsemmi oltre €79.88 VAT; is-somma ta' €24,038.43 rappreżentanti spejjeż li tħallsu lil Central Asphalt għall-ħidma relatata mal-azzjoni direttea in kwantu għal €17,004.70 spejjeż relatati ma' ħaddiema u makkinarju u in kwantu għas-somma ta' €7,033.73 rappreżentanti l-ispejjeż relatati ma' irdim ta' materjal rimoss; is-somma ta' €2,549.82 rappreżentanti ħlasijiet magħmula lill-Korp tal-Pulizija għas-servizz mogħti minn Spettur, Surġent Maġġur, Surġent u numru ta' kuntistabbli tal-pulizija; oltre €458.97 VAT; b'kollox **€29,789.85**.

14. Dwar is-sit il-Gdida, Selmun l/o Mellieħa, hemm is-somma komplessiva ta' **€28,327.44** rappreżentanti €1,738.18 overtime ta' uffiċjali tal-Awtorita' tal-Ippjanar kif ukoll spejjeż ta' trasport oltre €347.64 administration fees kalkolati bir-rata ta' 20% kif ukoll €62.57 VAT; is-somma ta' €23,911.41 rappreżentanti ħlasijiet magħmula lil Central Asphalt in kwantu għal €20,330.27 rappreżentanti spejjeż relatati ma' ħaddiema u makkinarju użat, filwaqt li s-somma ta' €3,581.14 tirrappreżenta spejjeż imħallsa lil Central Asphalt għall-irdim tal-materjal.

15. **Charles Debattista, Senior Enforcement Officer mal-Awtorita'** ġie prodott bħala xhud sew mir-rikorrent, sew mill-Awtorita'. Fl-affidavit tiegħu spjega b'mod dettaljat l-azzjonijiet li ħadet l-Awtorita' bħala azzjoni diretta in segwitu għaż-żewġ enforcement orders fuq imsemmija.[4] Spjega kif jorganizza il-ħaddiema tal-Awtorita' kif ukoll jikkordina mal-Pulizija sabiex jassistu waqt l-azzjoni diretta. Ġew inkarigati żewġ enforcement officers sabiex jidderiġu x-xogħol ta' rimozzjoni li kien hemm bżonn. Ikkummissjonaw kuntrattur sabiex jagħmel ix-xogħol meħtieġ. Apparti l-ħidma mwettqa huwa ta rendikont dettaljat dwar il-kontijiet li inħarġu sew fir-rigward tal-overtimet tal-enfocement officers tal-Awtorita' kif ukoll l-ispejjeż mħallsa lill-uffiċjali tal-pulizija li assistew. Bħala l-kap tad-Direct Action Team huwa kien il-persunsa li aċċeda fuq iż-żewġ siti in kwistjoni li huma adjaċenti sabiex mexxa l-azzjonijiet li kien hemm bżonn sabiex tneħħew l-illegalitajiet. Xhed illi r-rikorrent mhux biss ma ottemperax ruħu mal-avviżi maħruġa kontra tiegħu iżda jirriżulta li anke wara l-ħruġ tagħhom kompla bl-iżvilupp illegali.

16. Is-Sur Debattista ippreżenta affidavit dettaljat ta' erbatax-il paġna bi spjegazzjoni ċara u inekwivoka fejn indirizza l-allegazzjonijiet kollha li r-rikorrent għamel fil-

[4] Affidavit ta' Charles Debattista a fol. 471 et seq.

konfront tal-Awtorita'. Mal-affidavit tiegħu ix-xhud ippreżenta wkoll set ta' ritratti li jagħtu stampa ċara tal-illegalitajiet kommessi mir-rikorrent u allura x'kien hemm bżonn li jsir sabiex jitneħħew.

17. Inspjegabilment dan ix-xhud prinċipali tal-Awtorita' ma ġiex kontro eżaminat għaliex ir-rikorrent iddikjara li ma għandux domandi in kontro eżami x'jagħmillu.

18. Għalkemm ir-rikorrent ressaq lill-Perit Daniel Grima[5] jixhed, il-Qorti tqis illi x-xhieda tiegħu bl-ebda mod ma twaqqa' dak li xhed Charles Debattista.

19. Il-Qorti, wara li eżaminat il-provi kollha mressqa mill-partijiet tqis illi r-rikorrent ma rnexxilux juri illi l-ammont mitlub mill-Awtorita' fl-ittra uffiċjali nru 48/2014 ma hux fondat. Għall-kuntrarju, tqis illi jirriżulta sodisfaċentement illi l-ammont reklamat huwa relatat direttament mal-ħidma tal-Awtorita' sabiex l-illegalitajiet kolpiti biż-żewġ avviżi maħruġa kontra r-rikorrent jiġu mneħħija.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi,

1. Tilqa' l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimata Awtorita'.

2. Tiċħad it-talba tar-rikorrent Winston Bonello.

   Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent Winston Bonello.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
30 ta' Novembru, 2023

**Deputat Reġistratur**

---

[5] Fol. 43A et seq.